PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PE412.019v01-00

27.8.2008

EMENDI
1 - 25

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Gérard Deprez
(PE402.535v01-00)

dwar id-dibattitu annwali dwar il-progress li sar fl-2007 fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (Artikoli 2 u 39 tat-Trattat UE)

AM_Com_NonLegRE

Emenda 1
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa - A (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A Billi huwa fil-kompetenza prinċipali tal-Istati Membri li jkunu assigurati kundizzjonijiet ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tagħhom imma billi mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Maastricht u jerġa' aktar mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Amsterdam l-Unjoni Ewropea trid tikkontribwixxi għar-realizzazzjoni ta' dawn l-istess objettivi billi żżomm f'moħħha l-eżiġenzi taċ-ċittadini Ewropej tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u tal-applikazzjoni fl-Unjoni tal-prinċipji tal-istat tad-dritt kif ukoll ta' koperazzjoni leali u effettiva bejn l-Istati Membri tagħha;

Or. fr

Emenda 2
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa - A a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
.	***-Aa Billi r-ratifika tat-Trattat ta' Liżbona hija kundizzjoni essenzjali u urġenti biex tagħmel mill-UE spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (SLSĠ) peress li ġġib titjib fundamentali fil-leġittimità u l-effikaċja tal-azzjoni tal-UE.***

Or. fr

Emenda 3
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa Billi, madankollu, jinsab konxju tal-fatt li l-ħolqien ta' SLSĠ ġenwin huwa 'l bogħod milli jilħaq il-milja tiegħu u li dan il-ħolqien dejjem jiltaqa' ma' diffikultajiet u ostakli mill-akbar kif inhu kkonfermat mit-tielet rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni fl-2007 tal-Programm tal-Aja (COM(2008) 373 – finali {SEC(2008) 2048} {SEC(20la 08) 2049})

Or. fr

Emenda 4
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A b (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab Filwaqt li jesprimi d-dispjaċir tiegħu li, kif inhu enfasizzat minn dan ir-rapport u minkejja l-adozzjoni ta' ċerti miżuri mill-aktar importanti, il-programm iffissat mill-Kunsill Ewropew tal-Aja fl-2004 jbati minn nuqqasijiet importanti u, b'mod partikulari
	- li għad baqa' nuqqas importanti ta' fiduċja reċiproka u fuq kollox ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri b'mod partikulari meta tkun kwistjoni tal-politiki marbuta ma' l-immigrazzjoni legali u illegali jew mal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'dik li hi l-kriminalità
	- li dawn id-diffikultajiet għandhom riperkussjonijiet ukoll fil-fażi tat-

traspożizzjoni ta' xi miżuri adottati peress li ... "Kien evidenti livell insuffiċjenti ta' realizzazzjoni fl-oqsma li ġejjin: Il-Politika tal-Viża, l-Iskambju ta' Tagħrif bejn l-Awtoritajiet għall-Infurzar tal-Liġi u l-Awtoritajiet Ġudizzjarji, il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata, l-Immaniġġjar tal-Kriżijiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-Koperazzjoni bejn il-Pulizija u d-Dwana u l-Koperazzjoni Ġudizzjarja f'Affarijiet Kriminali."

Or. xm

Emenda 5
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A c (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac Filwaqt li jirrimarka li l-Istati Membri nfushom fl-ambitu tal-ħidmiet tagħhom ta' tħejjija relatati mal-programm futur tal-iSLSĠ għall-perjodu 2010-2014 isemmu dawn l-istess diffikultajiet (ara r-rapporti tal-Gruppi "Futur" – Dok. 11657/08 " Affairijiet Interni" Dok. …./08 "Ġustizzja" kif ukoll il-kontributi ta' Stati Membri oħra mressqa quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni) filwaqt li jagħraf il-fatt li"… L-Acquis eżistenti fil-qasam tal-Affarijiet Interni Ewropej li kien ġie żviluppat pass pass huwa neċessarjament mingħajr struttura u għalhekk diffiċli biex ikun spjegat liċ-ċittadini Ewropej. Xi drabi huwa diffiċli biex jinftiehem anke għall-ispeċjalisti" u li "…Xi whud minn dawn l-istrumenti jirrepetu lil xulxin, u l-bażi legali għal ċerti azzjonijiet tista' tinstab f'atti differenti. Fl-aħħar, qed issir ħaġa aktar u aktar diffiċli u li tieħu ż-żmien li ssir is- sorveljanza tal-implimentazzjoni xierqa tad-Direttivi tal-

Unjoni Ewropea minn mhux inqas minn 27 Stat Membru...”

Or. xm

Emenda 6
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A d (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad Konvint, madankollu, kif inhu l-Kunsill, li l-Unjoni Ewropea m'għandhiex għażla oħra ħlief li tinsisti fuq l-implimentazzjoni tal-iSLSĠ“...li jmiss il-qalba tal-ordnijiet kostituzzjonali nazzjonali,” u li“ …L-Istati Membri għandhom interess speċjali fil-fatt li jżommu djalogu għaddej bejniethom” kif ukoll mal-Istituzzjonijiet Ewropej

Or. xm

Emenda 7
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B.	***billi l-Artikolu 6 tat-Trattat ta' Liżbona jipprevedi, fil-prinċipju, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat għall-1 ta ' Jannar 2009 u billi, f'din il-prospettiva, l-Istati Membri diġà qed jaħdmu biex iħejju diversi deċiżjonijiet urġenti biex jiġu adottati wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat il-ġdid (pereżempju dik relatata mal-ħolqien ta' Servizz Diplomatiku estern) u kif ukoll il-prijoritajiet għal wara l-2008 għall-politiki marbuta ma' l-ispazju ta' libertà, sigurtà u***	***imħassra***

ġustizzja (ara l-ħidma tal-Grupp "Futur" li jiġbor il-Ministri għall-Intern u l-Ġustizzja);

Or. fr

Emenda 8
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba Konvint li f'din il-fażi ta' tranżizzjoni lejn il-konklużjoni tar-ratifiki tat-Trattat il-ġdid f'kull każ huwa meħtieġ li qabel tmiem l-2009 jiġu adottati ċerti miżuri ta' importanza ġenerali li filwaqt li jispiraw ruħhom mit-Trattat ta' Liżbona jistgħu jkunu adottati wkoll taħt ir-reġim tat-Trattati li huma fis-seħħ f'konformità sħiħa mal-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar id-dritt tat-Trattati u, li jistgħu jnaqqsu l-impatt negattiv tad-diffikultajiet imsemmija aktar 'il fuq. Dan se jkun jittratta b'mod partikulari dwar miżuri marbuta:
	- ***mal-konsiderazzjoni li ssir fil-proċeduri, l-istrutturi u d-deċiżjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-prinċipji u l-objettivi espressi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali pproklamata fi Strasburgu fit-12 ta' Diċembru 2007[1],***
	-
	- ***mal-promozzjoni tat-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak nazzjonali b'mod partikulari fil-qasam tal-iSLSĠ skont is-sentenza riċenti tal-Qorti fil-qasam tat-trasparenza leġiżlattiva***

[1] Test: http://eur-lex.europa.eu/JOHtml.do?uri=OJ:C:2007:303:SOM:MT:HTML

(Sentenza Turco ...),

- *mal-parteċipazzjoni effettiva tal-Parlamenti nazzjonali fil-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-iSLSĠ inkluż f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni ta' dawn il-politiki fl-Istati Membri l-oħra u min-naħa ta' l-Aġenziji Ewropej,*

- *mar-rispett, fil-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, għall-preeminenza tad-dritt Komunitarju fir-rigward ta' dak tal-UE (Artikolu 47 TUE) b'mod partikulari meta tkun kwistjoni ta' sanzjonijiet li jkunu jmissu ċittadini ta' pajjiżi terzi jew meta ċ-ċittadini Ewropej jirriskjaw li jkunu ddiskriminati (it-tneħħija tal-viża); l-assoċjazzjoni sistematika tal-Parlament Ewropew mal-konklużjoni, min-naħa tal-UE, ta' ftehimiet internazzjonali marbuta mal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fil-qasam kriminali,*

- *mat-tisħiħ tal-koperazzjoni leali u ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri meħuda mill-UE filwaqt li jsaħħu u jiddemokratizzaw il-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni reċiproka li diġà huma previsti mill-koperazzjoni ta' Schengen u fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,*

- *mal-illanċjar fl-ewwel pilastru tal-koperazzjonijiet imsaħħa fil-każ li jkun impossibbli li tinkiseb l-unanimità meħtieġa (ara l-każ tal-proposta fil-kwistjoni tad-divorzji)*

- *mas-superament tal-karattru li għadu embrijoniku u inċert tal-inizjattivi mmexxija mill-Aġenziji maħluqa mill-Unjoni Ewropea u tal-koperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali;*

- *mat-twaqqif ta' politika ġenwina ta' komunikazzjoni li tkun tippermetti liċ-*

	ċittadini Ewropej li jkunu aktar infurmati aħjar dwar l-inizjattivi żviluppati kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali u li jkunu jafu lill-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali responsabbli li (mingħajr ħsara għar-rikorsi ta' ġurisdizzjoni) ikunu jistgħu jirrikorru għandhom għal dawk l-aspetti li jistgħu jmissu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

Or. fr

Emenda 9
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi hu mħasseb mill-fatt li skond il-ftehimiet li sar bejn l-Istati Membri, il-proposti adottati jew biex jiġu adottati minn issa sad-dħul fis-seħħ tat-Trattat f'dak li għandu x'jaqsam mal-koperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet penali se jkomplu ma jkollhomx effet dirett u ma jiġu sottomessi għall-kontroll tal-Qorti waqt perjodu ta' ħames snin waqt id-dħul fis-seħħ tat-Trattat il-ġdid;	***imħassra***

Or. fr

Emenda 10
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da Filwaqt li jesprimi d-dispjaċir tiegħu li fl-istat preżenti tat-Trattati r-rikorsi taċ-ċittadini Ewropej fil-konfront tal-miżuri marbuta mal-iSLSĠ għadhom aktar limitati milli fl-oqsma l-oħra ta' attività ta' l-UE, li s-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja huma limitati b'mod partikulari fil-qasam tal-koperazzjoni judizzjarja u tal-pulizija fil-qasam tal-kriminalità u li jerġa' ċerti Stati Membri jkomplu jillimitaw id-djalogu bejn l-imħallfin Ewropej u nazzjonali f'dan il-qasam, jistieden lill-Kunsill biex jipposponi għall-perjodu ta' wara r-ratifika tat-Trattat ta' Liżbona l-adozzjoni ta' kull miżura li tista' taffettwa d-drittijiet fundamentali

Or. fr

Emenda 11
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi hu diffiċli li sitwazzjoni ta' dan it-tip tkun aċċettabbli għall-Parlament Ewropew peress li tinvolvi miżuri li se jaffetwaw lid-drittijiet taċ-ċittadini li fl-istess ħin se jiċċaħdu mill-aċċess għall-imħallef Ewropew;	***imħassra***

Or. fr

Emenda 12
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-istess Stati Membri, biex jegħlbu l-effetti negattivi ta' sitwazzjoni tali, madankollu permezz tal-Protokoll 10 tat-Trattat (u fid-Dikjarazzjoni li takkumpanjah) ħasbu għall-possibilità li jerġgħu jiġu aġġornati t-testi ta' l-acquis f'dak li għandu x'jaqsam mal-koperazzjoni ġudizzjarja u dik tal-pulizija fi kwistjonijiet penali u dan isir, jekk jagħti l-każ, malli jidħlu fis-seħħ it-trattati l-ġodda;	***imħassra***

Or. fr

Emenda 13
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-interess taċ-ċittadini Ewropew li jgawdu minn protezzjoni ġurisdizzjonali sħiħa fuq il-bażi tat-Trattat il-ġdid għandu jiġi rispettat ugwalment fil-każ tal-proposti li attwalment qed jiġu negozjati;	***imħassra***

Or. fr

Emenda 14
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi, għal dak li għandu x'jaqsam max-xogħlijiet li diġà kienu nbdew fiż-żmien tal-modifiki preċedenti tat-Trattati (Att Uniku, Maastricht u Amsterdam) l-istituzzjonijiet kienu reġgħu orjentaw il-programm ta' ħidma tagħhom għall-proposti li ma kellhomx iċ-ċans li jiġu ppublikati fi żmien utli qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat il-ġdid;	***imħassra***

Or. fr

Emenda 15
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 - subparagrafu a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Jippproponi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni *li għandhom*	***Jistieden lill-Kunsill Ewropew, lill-***Kunsill u lill-Kummissjoni *biex*
	a) jillanċjaw minn issa l-proċess ta' definizzjoni tal-prijoritajiet tal-programm pluriennali għall-iSLSĠ fil-perjodu 2010-2014 filwaqt li jżommu approċċ ambizzjuż u koerenti li jmur lil hinn mir-raġunamenti ministerjali u li jispiraw ruħhom mill-objettivi u l-prinċipji stabbiliti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li l-Istituzzjonijiet ipproklamaw f'Nizza fis-sena 2000 u li pproklamaw mill-ġdid f'Liżbona fit-12 ta' Diċembru 2007;

Or. fr

Emenda 16
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 - subparagrafu b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	b) jingħaqdu mal-Parlament Ewropew fid-djalogu mal-Parlamenti Nazzjonali dwar il-prijoritajiet li jridu jiġu segwiti għall-perjodu 2010/2014 filwaqt li jqisu l-problemi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Tampere u dak ta' l-Aja, ix-xogħlijiet li ġew illanċjati fi ħdan il-Kunsill kif ukoll l-ewwel indikazzjonijiet strateġiċi fil-qasam tal-immigrazzjoni, il-kenn u l-integrazzjoni. ***Din l-ewwel fażi tad-djalogu kellha tingħalaq fl-okkażjoni tad-dibattitu annwali 2008 tal-Parlament Ewropew u b'hekk tagħti lok għal komunikazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni, filwaqt li hu mifhum li se jkun f'idejn il-Parlament Ewropew li jkun għadu kif ġie elett u f'idejn il-Kunsill li jistabbilixxu programm definittiv fi żmien li jkun kmieni biżżejjed;***

Or. fr

Emenda 17
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 - subparagrafu -1 (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u taċ-ċittadinanza	fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u taċ-ċittadinanza
	-1 jiddefinixxu kriterji aktar trasparenti

fil-livell tal-UE b'mod partikulari meta miżuri tal-Unjoni jistgħu jillimitaw garanziji li huma kostituzzjonalment imħarsa fl-Istati Membri (Artikolu 52 tal-Karta u tal-KEDB) u biex jirrevedu l-miżuri Ewropej iċċensurati mill-Qorti tal-Ġustizzja (cfr il-Każijiet PMOI, SISON u oħrajn T-253/04, il-Każ T-229/02 ... fil-listi s-suwed)

Or. fr

Emenda 18
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 - subparagrafu -1 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1a iqisu b'mod sistematiku l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-leġiżlazzjoni Ewropea kif ukoll tal-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni b'mod partikulari fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu filwaqt li jqisu t-tweġibiet li ntbagħtu dan l-aħħar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'dan is-settur

Or. fr

Emenda 19
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 - subparagrafu 1

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u taċ-ċittadinanza	fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u taċ-ċittadinanza
- ***id-definizzjoni tal-***mandat għan-negozjati għall-adeżjoni ta' l-UE għall-Konvenzjoni Ewropea	***- jagħtu bidu għad-djalogi ta' tħejjija għall-***mandat għan-negozjati għall-adeżjoni ta' l-UE għall-Konvenzjoni

għad-Drittijiet tal-Bniedem (Art. 6(2) tat-TUE);	Ewropea *tad*-Drittijiet tal-Bniedem (Art. 6(2) tat-TUE);

Or. fr

Emenda 20
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 - subparagrafu 2

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- ***ir-reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura*** ta' l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ***bi qbil ma' l-adeżjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-estensjoni tal-kodeċiżjoni tal-PE għall-oqsma tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fi kwistjonijiet penali;***	- ***jirrevedu l-programm t'attivitajiet*** ta' l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ***filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet indikati mill-istituzzjonijiet u b'mod partikulari mill-PE fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija u l-konformità mal-prinċipji tal-UE (Artikolu 7 tat-TUE - ara d-dikjarazzjoni interistituzzjonali adottata waqt l-adozzjoni tar-Regolament Istituttiv)***

Or. fr

Emenda 21
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 - subparagrafu 3

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- proposta leġiżlattiva *għall-* protezzjoni konsulari u diplomatika (Art. 20 tat-TFUE);	- ***iressqu*** proposta leġiżlattiva *biex* ***jiġu limitati d-diversi tipi ta' diskriminazzjoni diretti jew indiretti li jaffettwaw iċ-ċirkolazzjoni taċ-ċittadini Ewropej, l-aċċess għall-ġustizzja f'pajjiż differenti minn dak ta' l-oriġini ta' dak li jkun,*** *il-* protezzjoni konsulari u diplomatika ***fil-pajjiżi terzi*** (Art. 20 tat-TFUE)

Or. fr

Emenda 22
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 - subparagrafu 6

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- it-trasformazzjoni, fi ħdan il-Kunsill, tal-grupp ta' ħidma ad hoc dwar id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza għal grupp permanenti, hekk kif ġie propost mill-Presidenza Slovena;	***- li jsaħħu l-istrutturi interni tal-istituzzjonijiet li huma inkarigati mill-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-UE b'mod partikulari fi ħdan il-Kunsill (***it-trasformazzjoni, fi ħdan il-Kunsill, tal-grupp ta' ħidma ad hoc dwar id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza għal grupp permanenti, hekk kif ġie propost mill-Presidenza Slovena;

Or. fr

Emenda 23
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 - subparagrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	- isaħħu permezz tal-koperazzjoni amministrattiva (Artikolu 66 TCE) id-djalogu bejn l-Istati Membri, l-għarfien reċiproku tas-sistemi ġuridiċi, l-attivazzjoni ta' proċedura ta' djalogu li tkun tgħaqqad bejniethom lill-Parlamenti nazzjonali u dak Ewropew b'mod partikulari meta jinqalgħu d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-miżuri Ewropej li jirrigwardaw l-iSLSĠ;

Or. fr

Emenda 24
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Ifakkar li *t*-Trattat il-ġdid *issa* jirrikonoxxi l-irwol tal-Parlament Ewropew fil-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali li jaqgħu taħt il-politiki ta' l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; jitlob f'dan il-kuntest	4. Ifakkar li ***ladarba jkun ratifikat*** *it*-Trattat il-ġdid *issa jkun* jirrikonoxxi l-irwol tal-Parlament Ewropew fil-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali li jaqgħu taħt il-politiki ta' l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; jitlob f'dan il-kuntest

Or. fr

Emenda 25
Gérard Deprez

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, *u* kif ukoll lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri.	5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri ***filwaqt li jistieden lil dawn ta' l-aħħar biex iressqulu l-kummenti, is-suġġerimenti u l-proposti tagħhom għall-15 ta' Novembru 2008 kmieni biżżejjed għad-dibattitu annwali dwar l-iSLSĠ ta' Diċembru 2008.***

Or. fr